MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 71/2004

Joseph Mercieca,
Liberata Gauci,
U b'degriet tas-27 ta' Diċembru, 2005
il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem
George Gauci, Bernarda Azzopardi u
Yvonne Galea minflok Liberata Gauci
Li mietet fil-mori tal-kawża.

vs

Michael Cassar

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew;

Illi l-atturi huma ko-propretarji ta' porzjon raba' fl-inħawi magħrufa bħala "Ta' Wied Siekel" fil-Fontana, Għawdex aċċessibbli minn fuq ir-raba proprjeta' tal-konvenut;

Illi l-konvenut matul l-aħħar ġimgħa qabel il-preżentata ta' l-ittra uffiċjali bin-numru 379/04 mill-atturi kontra tiegħu, liema ittra uffiċjali ġiet prezentata fl-erbgħa (4) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) qabad u għalaq il-bieb li jagħti għal passaġġ minn fuq ir-raba tiegħu li jwassal għar-raba ta' l-atturi, hawn fuq imsemmija;
Illi dan l-aġir da parti tal-konvenut huwa wieħed illegali u jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;

Illi l-konvenut għalkemm interpellat sabiex jisporgi dan l-ispoll permezz ta' ittra ufficcjali mibgħuta lilu fl-erbgħa (4) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2204) baqa' inadempjenti;

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss minn din il-Qorti huwa l-ispoll minnu kommess u jerġa' jiftah il-bieb li jagħti għal passaġġ li minn fuq ir-raba tiegħu jwassal għar-raba ta' l-atturi;

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenut huma jiftħu tali aċċess għar-raba tagħhom u dana a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali spedita lill-konvenut fl-erbgħa (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004).

Il-konvenut huwa mħarrek ghas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġi nġunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-ġurament mill-attur Joseph Mercieca.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi f'din il-kawża ma jeżistux l-elementi li trid il-liġi għal ezerċizzju ta' azzjoni ta' spoll privileġġjat u ċioe' il-pussess fattwali w effettiv, l-eżercizzju tal-azzjoni fiż-żmien perentorju ta' xahrejn u l-element ta' "Spoliatum fuisse", kif jiġi pruvat dettaljatament waqt il-kawża.

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda u affidavits prodotti.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' spoll. Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi:

*"In tema legali jingħad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-eżigenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat;*

*L-art. 572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni publiku, u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P. 1, pag. 555 tal-Annali tal-Ġurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodiċi tal-Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele*

*Cassar"; Vol. XXI. II. 83 P'Awla Civili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, pagna 124; u dan biex inghataw xi sentenzi);…..".*[1]

Illi, ghalhekk,kif gie ripetutament imfisser mill-Qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*).

"*Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*."[2]

Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi:

"*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Cocice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola* ***"spoliatus ante omnia restituendus****". Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore,astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

---

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit:Prim'Awla:12.4.1958 vol. XLII.. II. 975

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia; Appell Civ. 7.3.1958 – vol.XLII.I. 86

[3] Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol.I. 5ta.ed.1902 Torino, para. 271

Kuntrarjament pero' għad-dottrina kontinentali, l-liġi tagħna ma tirrikjedix ukoll l-*animus spoliandi,* għax kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell:

"*B'liema motiv jew animu* (il-konvenut) *għamel hekk, huwa għal kollox irrilevanti. Kif din il-Qorti kellha okkażjoni tesprimi ruħha fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Marzu 1992, in re C. Cardona vs Francesco Tabone et: 'il-ligi tagħna - fl-azzjoni ta' l-ispoll - jiġifieri fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili - ma tagħtix lok għal ebda indaġini oħra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' li spoll. Indaġini limitattissima rigoruża u skarna li ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u għalhekk, bir-rispett kollu għal deċizjonijiet li ppermettew indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani, huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest ta' l-ordinament ġuridiku tagħna ….. L-azzjoni ta' spoll hija konċepita bħala azzjoni rapida u effikaċi għall-iskop li ma tħalli 'l ħadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija intiża unikament biex iġġiegħel lill-konvenut li jerġa' jqiegħed il-ħaġa fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss - kif jgħid bl-aktar mod ċar l-art. 791(1) Kap. 12 li sfortunatament jiġi ħafna drabi injorat*.' " [4]

Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk jeżistux it-tliet elementi msemmija fil-każ in eżami. Mill-provi mressqa rriżulta illi l-atturi qed jilmentaw mill-fatt li l-konvenut għalqilhom u mbarralhom bil-ġebel il-bieb li jagħti għall-passaġġ li minn fuq ir-raba tiegħu jikkonduċi għall-għalqa tagħhom.[5]

## Li Spoll

Gara illi l-konvenut kien daħal f'xi trattattivi ma' terzi biex ibiegħlhom ir-raba tiegħu, imma jidher illi biex ikun jista' jseħħ il-bejgħ, ried jiġi eliminat dan il-passaġġ. B'dan il-ħsieb f'moħħu l-konvenut avviċina xi tnejn mill-ħafna komproprjetarji ta' l-għalqa li l-atturi għandhom sehem

[4] Rosina Agius et.vs Angelo Agius et 2; kollez. vol. LXXVIII. pt. II. P 319.

[5] ara ritratti GG1 sa GG3 a fol. 38 - 40 tal-process /

indiviż minnha, u mid-dehra akkwista minn għandhom il-kunsens taċitu tagħhom sabiex jagħlaq il-bieb in kwistjoni. Imma l-komproprjetarji l-oħra, fosthom l-atturi, baqgħu qatt ma saru jafu b'xejn sakemm ġew darba minnhom sabiex jidħlu fl-għalqa tagħhom u sabu dan il-bieb imbarrat.

**Iz-Zmien**

L-atturi jsostnu fiċ-ċitazzjoni tagħhom illi l-att spoljattiv, u ċioe' l-imblukkar tal-bieb in kwistjoni, seħħ "*matul l-aħħar ġimgħa qabel il-preżentata ta' l-ittra uffiċċjali bin-numru 379/04, liema ittra uffiċċjali ġiet preżentata fl-erbgħa (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgħa*." Dan ġie konfermat fid-dikjarazzjoni annessa ma' l-istess ċitazzjoni. Fid-depożizzjoni tagħhom l-atturi u x-xhieda minnhom imressqa kollha qablu li dan ix-xogħol sar dik il-ħabta, u ċioe' għall-aħħar ta' Mejju 2004. Dan għaliex ftit qabel, kienu għadhom kemm marru biex jaqtgħu n-naspli minn siġra li għandhom fl-għalqa tagħhom u ma sabu ebda xkiel biex jidħlu minn dan il-bieb. Anke l-istess konvenut, mistoqsi in subizzjoni mill-atturi meta sar ix-xogħol lamentat, ammetta illi dan sar f'Gunju 2004.[6] Huwa minnu illi meta reġa' xehed minn jeddu l-attur sostna li l-bieb kien għalqu xhur qabel. Imma din il-Qorti tqis il-verżjoni oriġinali tiegħu mogħtija mingħajr ma kellu l-opportunita' jikkonsulta ruħu ma' ħadd, hija aktar verosimili u kredibbli. Jirriżulta għalhekk illi x-xogħol lamentat sar bejn l-aħħar ta' Mejju jew il-bidu ta' Gunju tas-sena 2004. Il-kawża preżenti ġiet intavolata fit-2 ta' Lulju 2004 u għalhekk qabel ma laħqu skadew ix-xahrejn permessi mill-liġi.

**Il-Pussess**

Il-konvenut jidher pero' illi qed jikkontesta il-pretensjoni ta' l-atturi illi dawn kellhom il-pussess kif trid il-liġi fi ħwejjeġ simili, sabiex ikun jista' jingħad illi huma ġew disturbati f'dan il-pussess, u għalhekk intitolati għar-reintegazzjoni. Infatti fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu il-konvenut jissottometti illi meta seħħ dan ix-xogħol, l-atturi f'dan il-każ ma kienux attwalment fil-pussess tal-bieb li minn passaġġ fuq ir-raba tiegħu kien jikkonduċi għall-għalqa li

[6] ara deposizzjoni tieghu a fol. 18

huma għandhom iktar 'l isfel minn tiegħu. Dan għaliex l-għalqa tagħhom kienet ilha żmien mitluqa u ħadd mill-proprjetarji ma kien jidħol iżjed hemm ġew.

Dwar l-elememt tal-*possedisse* li huwa meħtieġ sabiex tirnexxi kawża ta' spoll ingħad:

"*Illi l-ewwel rekwiżit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tiġi milqugħa bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa li fuqha jkun pretiż li sar l-ispoll. L-espressjoni wżata mill-liġi –"***possession of whatever kind***" – dak li jinteressana f'dal-każ – tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċement naturali, u anki dak vizzjuż; imma pero' teżiġi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-għaliex, jekk l-attur f'kawża bħal din li fuqha qegħdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-ħaġa, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix*."[7]

Is-servitu' ta' passaġġ huwa wieħed mhux kontinwu,[8] u għalhekk anke jekk l-atturi jew is-sidien l-oħra ta' l-għalqa li tiġi wara dik tal-konvenut, ma kienux jiffrekwentaw daqshekk ta' spiss l-għalqa tagħhom, ma kienux ser jitilfu l-pussess tiegħu sempliċement bin-nuqqas ta' użu regolari. Madankollu x-xhieda prodotti mill-atturi kollha stqarrew li, għalkemm ħadd minnhom ma kien qed jaħdem l-għalqa f'dawn l-aħħar żminijiet, xorta waħda kienu jmorru ta' kull sena biex jaqtgħu in-naspli minn siġra li kien hemm fiha. Dana kienu jagħmlu billi jidħlu mill-bieb li mit-triq jagħti għar-raba tal-konvenut, l-ewwel permezz ta' muftieh li kellhom biex jiftħu dan il-bieb,[9] u mbagħad meta mbidel il-bieb u ma baqax jissakkar, billi jaqbdu u jidħlu. Imbaghad il-fatt li l-konvenut stess hass il-ħtieġa li jmur jitlob il-kunsens ta' uħud mill-komproprjetarji biex jagħlaq il-bieb, juri li dan kien qed jirrikonoxxi li l-proprjetarji kien għad baqgħalhom id-dritt li jgħaddu minn dan il-bieb biex jaċċedu għall-għalqa tagħhom, u għalhekk kellhom il-pussess rikjest mil-liġi.

---

[7] Fenech vs Zammit gia citata
[8] art.455(3) tal-Kap.16
[9] Dok. GG4 a fol. 40

Hekk ukoll il-konvenut jissottometti fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu, illi huwa ma kellux l-intenzjoni li jikkommetti ebda spoll fil-konfront ta' l-atturi, għax qabel ma għalaq il-bieb, kien mar ikellem lil tnejn mill-komproprjetarji. Imma, apparti l-fatt li rriżulta li l-konvenut kien mar ikellem lil dawn it-tnejn, biex jara jistax jiftħilhom aċċess għall-għalqa tagħhom minn band'oħra minflok il-bieb in kwistjoni, u mhux li jħallihom bla ebda aċċess, kif fil-fatt ġara, kif ġia rajna hawn fuq, l-*animus spoliandi* mhux wieħed mill-elementi rikjesti mill-liġi tagħna għas-suċċess ta' din il-kawża.

Għal dawn il-motivi, peress illi ġie ppruvat sodisfaċentement li jeżistu l-elementi meħtieġa mill-liġi sabiex tirnexxi kawża bħal din, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-tabliet attriċi u

1. tiddikjara illi l-konvenut Michael Cassar kkommetta spoll vjolenti u klandestin għad-dannu ta' l-atturi u dana meta bejn l-aħħar ta' Mejju 2004 u l-bidu ta' Gunju ta' l-istess sena, imblokka l-bieb li mir-raba tiegħu jikkonduċi għall-għalqa ta' l-atturi magħrufa bħala "ta' Wied Siekel", fil-Fontana, Għawdex;

2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex żmien xahar mil-lum jisporga l-ispoll minnu kommess u jerġa' jiftaħ dan il-bieb; u

3. tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenut li jagħmel hekk fiż-żmien konċess, jiftħu huwa stess l-aċċess għar-raba tagħhom, u dan a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż tal-kawża, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċċjali ta' l-4 ta' Gunju 2004, ikunu a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------